MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF MICHAEL MALLIA

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 247/2010

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Johann Spiteri**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-26 ta' Dicembru, 2009 ghall-habta ta' 23.30 hrs waqt li kien fir-residenza matrimonjali gewwa l-Fgura
1. ingurja u/jew hedded lil Marcelle Spiteri, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni;
2. ikkaguna lil Marcelle Spiteri biza` li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta` taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta` ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti ahwa subien jew bniet jew xi persuna ohra msemmija fl-artikolu 222(1).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-19 ta’ Mejju, 2010, li biha, wara li rat l-artikoli 339(1)(e) u 251(B)(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-qorti ddikjarat l-ewwel akkuza preskritta, sabitu hati tat-tieni akkuza u kkundannatu xahar prigunerija sospiz ghal sena ai terminu tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-31 ta’ Mejju, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tilqa` dan l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt ili tikkonferma dik il-parti tas-sentenza li permezz taghha l-ewwel imputazzjoni kif dedotta kontra l-appellant giet dikjarata bhala wahda preskritta, tghaddi sabiex u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza li permezz taghha l-appellant gie misjub hati tat-tieni imputazzjoni u minflok tillibera lill-istess appellant mill-istess tieni imputazzjoni u minn kull htija u piena jew alternattivament u minghajr pregudizzju, tirriforma s-sentenza appellata billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

L-appellant huwa tal-umli fehma illi huwa ma seta` qatt jinstab hati kif effettivament instab mill-Ewwel Qorti, tar-reat kontemplat taht artikolu 251B tal-Kapitolu 9 u dan billi, filwaqt illi l-provi kollha tal-prosekuzzjoni f’dan il-kaz kienu jirrigwardaw dak illi sehh nhar is-26 ta’ Dicembru, 2009 gewwa d-dar matrimonjali – u ghalhekk tali provi lanqas biss ma kienu intizi sabiex juru “imgieba” ossia “course of conduct”, li necessarjament trid tigi pruvata ghal fini tar-reat kontemplat taht l-imsemmi artikolu 251B – ma ngiebet l-ebda prova illi giet ikkagunata biza` f’Marcelle Spiteri li kienet ser tintuza vjolenza kontriha fil-futur.

Ghalhekk, fil-fehma umli tal-appellant, f'kaz li dinn il-Qorti tichad l-ewwel zewg aggravji tieghu, hija ghandha tvarja t-tip ta' piena li giet imposta fuqu mill-Ewwel Qorti ghal wahda li tkun aktar idonea fic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz.

Ikkunsidrat :

Permezz ta' verbal tat-28 ta' Ottubru, 2011, il-qorti giet infurmata li l-attentat ghar-rikonciljazzjoni falla izda r-relazzjonijiet ta' bejniethom gew stabbiliti fit-termini ta' kuntratt.

Din il-kawza tirrigwarda incident bejn il-konjugi li sar fid-19 ta' Mejju, 2010 fir-residenza matrimonjali.

Filwaqt li din il-Qorti tiddeplora kull forma ta' theddid u vjolenza kontra persuni ma tistax tinjora t-talba ghal klemenza maghmula miz-zewg partijiet issa li l-problemi bejniethom gew rizolti.

Ghaldaqstant, tilqa` l-appell in parte u filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn illiberat lill-appellant mill-ewwel akkuza u fejn sabet htija fit-tieni, tvarja l-piena fis-sens li flok prigunerija sospiza, tillibera lill-appellant taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------